# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**Rita Forace**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta` **Rita Forace**, detentriċi tal-karta tal-identita' 52060(M) fejn ġiet mixlija talli fil-25 ta' Novembru, 2013 għall-ħabta tad-19:00 fl-Għassa tal-Ħamrun : -

(1) Iddenunzjat lill-Pulizija Eżekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq ħolqot traċċi ta' reat b'mod li setgħu jinbdew proceduri kriminali sabiex tiżgura li r-reat sar;

(2) Talli bil-qerq ħolqot jew ġegħlet li jidher donnu hemm fatti jew ċirkostanzi, sabiex dawn il-fatti jew ċirkostanzi jkunu jistgħu il-quddiem jiswew bi prova kontra persuna jew persuni oħra, bil-ħsieb li b'hekk dik

il-persuna/persuni jkunu jistgħu jiġu kontra s-sewwa akkużati jew misjuba ħatja ta' reat.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex minbarra l-piena stabbilita skont il-Liġi tapplika espressament il-piena ta' interdizzjoni ġenerali kif ukoll l-interdizzjoni milli l-ħatja sservi ta' xhud għal dak iż-żmien li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Rat li matul is-seduta tat-28 ta' Novembru 2013 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonfermat l-imputazzjonijiet bil-ġurament tagħha u matul il-kors tal-eżami tal-imputat skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputata wieġbet li ma kellhiex oġġezzjoni li l-każ jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul is-seduta tat-13 ta' Jannar 2014 l-Uffiċjal Prosekutur wara li talbet u ottjeniet korrezzjoni fl-imputazzjonijiet, ikkonfermat l-imputazzjonijiet kif korretti bil-ġurament tagħha u matul il-kors tal-eżami tal-imputat skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputata wieġbet li ma kellhiex oġġezzjoni li l-każ jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 14 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputata ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputata, debitament assistita mill-Avukat Patrick Valentino tenniet li ma kienetx ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontriha.

Rat id-dokumenti prodotti;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-Abbli Prosekutur u l-Abbli Avukat Difensur;

***Ikkunsidrat : -***

Illi f'dan il-każ jirriżulta pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li nhar il-25 ta' Novembru 2013, għall-ħabta tas-19:00 il-Pulizija Eżekuttiva irċeviet telefonata li fi Triq l-Annunzjata f'Santa Venera, kien għadu kif seħħ ir-reat ta' serq minn fuq il-persuna tal-imputata. Fis is-Surġent tal-Pulizija 601 Justin Spiteri kien wieħed minn tal-ewwel Uffiċjali tal-Pulizija li wasal fuq il-post u jiddeskrivi li hemmhekk sab lill-imputata bilqegħda mal-art b'saqajha bejn il-bankina u t-triq. Ħdejha kien hemm persuni pajżana jassistuha. Hemmhekk hija infurmatu li kienu ħadulha l-handbag. Dan l-Uffiċjal ma rax li kellha xi ġrieħi gravi u tatu deskrizzjoni tal-persuna li ħadilha l-handbag. Hija qaltlu li dan

kien ċertu Silvio u li dan ried li jpattihielha tal-kawża li kellha filgħodu. Lill-dan l-Uffiċjal qaltlu li dan kien joqgħod xi ftit il-bogħod minn fejn seħħ l-allegat serq. Dan l-Uffiċjal flimkien mal-imputata u kollega tiegħu imxew magħha ftit kantunieri l-fuq minn fejn seħħ l-inċident għal u fi Triq Brighella. Meta waslu fuq il-post indikat mill-imputata dawn ħabtu biex u ħarġu żewġ nisa allegatament familjari ta' dan Silvio. Dawn infurmawh li Silvio ma kienx hemmhekk u pprovdew lil dan l-Uffiċjal bin-numru tal-mowbajl ta' Silvio. L-uffiċjal ċempel in-numru mogħti lilu u l-persuna maskili fuq il-linja identifikat ruħha bħala Silvio u qal li kien qiegħed il-pjazza tal-Mosta. Is-Surġent 601 bagħtu l-Għassa tal-Mosta immedjatament. Ftit wara mill-Għassa tal-Mosta ikkonfermaw lil PS 601 li dan Silvio kien qiegħed l-Għassa tal-Mosta. PS 601 jgħid ukoll li hekk kif dawn it-tliet nisa raw lil xulxin "sparkjaw" tant li kien hemm tgħajjir rivolt lejn xulxin u kellhom jifirduhom. Il-Pulizija tad-Distrett skortaw lill-imputata lejn l-Għassa.

Storja simili għal dik rakkkontata minn PS 601 ġiet ukoll mistqarra minn PS1482 Byron Schembri u minn PS72 Bernard Galea. PS1482 iżid li huwa ra lill-imputata li kienet bil-qegħda fuq il-bankina, b'saqajha fit-triq. Hi kienet normali fis-sens li ma kienetx fi stat ta' xokk u bdiet tkellimhom normali. Pero dak il-ħin hi kellha l-handbag ħdejha u l-affarijiet tagħha kienet diġa ġabrithom – u dan wara li l-aggressur kien ħadilha l-handbag u minnu seraq il-wallet li fih kellha xi €500 u ferxilha ħwejjiġha mal-art. Qaltilhom li kienet ġiet karozza minn warajha u li l-

aggressur ħadilha l-handbag minn wara. Hi identifikat lill-aggressur bħala ċertu Silvio u li kellha xi każ il-Qorti miegħu dakinhar filgħodu.

Xhud pajżan li kien minn tal-ewwel ħdejn l-imputata kien Mario Farrugia. Dan jgħid li dakinhar tal-25 ta' Novembru 2013 għal ħabta tas-18:15-18:30 kien sejjer jixtri ħobża u hekk kif kien qiegħed jagħlaq il-bieb ta' barra semgħa lill-imputata tgħajjatlu. Din kienet diversi metri l-bogħod minnu u kienet qegħda bil-qegħda mal-art, bdiet tgħajjat "serquni, serquni". Hu mar jassistiha. Farrugia innota li dil-mara kienet qegħda "qisha tibki" tant li tħassarha. Din kellha l-handbag mal-art u kellha wkoll xi affarijiet personali tagħha mal-art mifruxin, u jiġru mat-triq. Dan ix-xhud baqa' hemmhekk sakemm waslet fuq il-post mara oħra. L-imputata qaltlu li kienu serqulha l-portmoni u qaltlu li kienet taf min seraqulha. Farrugia qallha li kien sejjer iċemplilha l-Pulizija u fil-fatt ċempel lil Pulizija minn fuq il-mobile tiegħu. Ix-xhud ma damx wisq mal-imputata fuq il-post. Il-Pulizija ma damux ma waslu. Dan ix-xhud itenni li huwa ma semgħa ebda ħsejjes dak il-ħin li allegatament serquha lill-imputata. Hu jgħid li kien ġewwa f'daru u kellu l-bieb tal-aluminju.

Sadattant wara li PS610 kien ordna lil dan ċertu Silvio biex imur l-Għassa tal-Pulizija tal-Mosta, dan l-istess Silvio kien ġie mitkellem minn PS1349 Ranier Agius. PS1349 stqarr li kien PS601 li infurmah li l-Għassa tal-Mosta kien hemm ċertu Silvio u dan mar hemmhekk biex ikelmu. Dan l-Uffiċjal iltaqa' ma dan ir-raġel li identifika ruħu bħala Silvio Vella

u vverifika l-identita tiegħu tramite l-ID card. Vella stqarr mal-PS1349 li kien għadu kemm kien f'xi ħanut fil-Mosta jixtri xi affarijiet ma bintu. PS1349 tah struzzjonijiet biex imur l-Għassa l-Ħamrun għax riedu jkelmuh f'aktar dettall hemmhekk.

Silvio Vella xehed li huwa kien jaf lill-imputata. Fil-25 ta' Novembru 2013 fil-għodu kien mar il-Qorti għaliex kien hemm seduta f'kawża oħra li oħtu kienet għamlet kontra tal-imputata. Huwa kien mar il-Qorti biex jassisti lil oħtu li nieqsa ftit mid-dawl. Dan qal li huwa jaħdem l-OPM u jispiċċa mix-xogħol fil-17:15. Huwa għandu żewġt karozzi – waħda Kia Avella kulur aħmar u Toyota Vitz kulur griż. Dan qal li dakinhar wara x-xogħol mar ibiddel l-uniformi u flimkien ma martu marru għand wieħed tal-battries tal-karozzi li qallu li l-karozza u qallu li għandha s-self starter u minn hemmhekk baqa' sejjer għand il-mekkanik, li qallu jħalli l-karozza għandu. Pero peress li kellu bżonn jixtri xi karti tal-mużika għat-tifla mill-Mosta, ftiehem mal-mekkanik biex l-ewwel imur għall-karozza l-oħra u wara jibqa' sejjer il-Mosta. Fil-fatt mar il-Mosta u pparkja quddiem il-knisja tal-Mosta, biex jieħu lil martu u lit-tifla fil-ħanut ta' Mediterranean Music. Dak il-ħin jirċievi telefonata fejn ingħata ordni minn Surġent biex imur l-Għassa tal-Mosta fi żmien minuta. Waqt li martu u bintu kienu qegħdin fil-ħanut u huwa mar l-Għassa. Sadattant huwa ingħata struzzjonijiet biex mill-Għassa tal-Mosta huwa jmur l-Għassa tal-Ħamrun. Meta wasal hemmhekk ra li kien hemm l-imputata u ġemgħa nies magħha u ddeċieda li jmur l-

Għassa tal-Marsa. Hemmhekk huwa ġie soġġettat għal perkwiżizzjoni, kif jirriżulta wkoll mix-xiehda ta' PS385 Edgar Dalli fejn la fuq il-persuna tiegħu u l-anqas fil-vettura tiegħu ma nstabu xi affarijiet li setgħu kienu suspettużi u li setgħu jorbtuh ma din is-serqa.

Silvio Vella innega xi involviment f'dak li allegat l-imputata fuqu.

Pauline Vella, mart Silvio Vella xehdet u rrakontat fatti simili għal dak li xehed żewġha Silvio Vella. Hija kkonfermat li kienet ma żewġha u li mingħand l-electrician li kellu l-garage tiegħu l-Imsida ħdejn il-Politechnic baqgħu sejrin il-Mosta u waslu hemmhekk xi 18:45 u wassalhom sa ħdejn il-ħanut minnfejn binthom riedet tixtri xi karti tal-mużika. Fil-ħanut damu madwar xi nofs siegħa, sakemm it-tifla qagħdet tagħżel xi kotba, karti tal-eżamijiet, CD's. Żewġha ma kienx sab post fejn jipparkja u b'hekk baqa' barra jistennihom ħdejn il-Knisja. Din ix-xhud ikkonfermat li kellhom ukoll riċevuti maħruġa mill-ħanut u li ġew eżibiti a fol 41.

Minn dawn l-irċevuti jirriżulta li mingħand il-kumpanija Mediterranean Music ta' 22 Triq il-Kurat Calleja, l-Mosta, inħarġu żewġt irċevuti separati ta' €42.85 nhar il-25 ta' Novembru 2013 fis-19:15 u ta' €5.70 nhar il-25 ta' Novembru 2013 fis-19:24. Patrick Mifsud, sid il-ħanut Mediterranean Music ikkonferma l-irċevuti li ġew maħruġa mill-cash reġister tal-ħanut tiegħu. Huwa kkonferma li l-ħin fuq din il-cash

reġister issettjah mingħand min kien xtraha fil-workshop tiegħu. Il-ħanut normalment jibqa' miftuh sas-19:00 iżda ġieli meta jinqabdu bin-nies idumu aktar.

Minn din ix-xiehda ħareġ li Silvio Vella ma wettaq ebda serqa fuq il-imputata u li fi kwalunkwe każ, ma setgħax kien il-persuna li setgħa wettaq is-serqa fuq l-imputata in kwantu fil-ħin indikat mill-imputata, Vella kien ma martu u bintu fil-Mosta u li fi kwalunkwe każ ma kellux żmien biżżejjed li jagħmilha possibbli biex mill-Mosta jkun Santa Venera jew minn Santa Venera jilħaq jasal il-Mosta qabel ma għalaq il-ħanut Mediterranean Music.

L-imputata ġiet interrogata u rrilaxxjat żewġ stqarrijiet fis-26 u fis-27 ta' Novembru 2013.

Fl-ewwel stqarrija rilaxxjata lill-Ispettur Magri, hija tenniet il-verżjoni li kienet tat a tempo vergine lill-PS601 u l-Uffiċjali tal-Pulizija l-oħra fis-sens li għall-ħabta tas-18:30 ħarġet tixtri xi żewġt fliexken Koka kbar u hija u ddur lura kellha l-hendbeg f'idha. Għall-ħabta ta' 18:40 ħasset lil xi ħadd jieqaf warajha bil-karozza, ħadilha l-handbag u hi bdiet tirreżisti miegħu. Waqgħet mal-art u l-aggressur daħal fil-karozza. Il-handbag wadbu mal-art u ndunat li ħadilha l-wallet li kien fih ċirka €500 u l-aggressur qallha "pattejtilek ta' oħti liba". Għall-mistoqsija jekk kienetx ratlu wiċċu dan ir-raġel, l-imputata wieġbet "Iwa u minn hemm

gharaftu li hu certu wiehed Silvio li johrog mal-Kunsill u jigi hu Maria Theresa (Marthese) li ghandi l-kawza maghha... Hu kien ghax gharaftu, kiku ma gharaftux nghidlek li ma nafx". Il-karozza li kien qed isuq Silvio, skont l-imputata kienet żgħira qisu kulu blu – pero ma kienetx tista tikkonferma dan bi preċiżjoni. Din l-istqarrija tgħid li kienet lesta li tikkonfermaha bil-ġurament tagħha.

Fit-tieni stqarrija, fir-rigward tal-inċident de quo, l-imputata tikkonferma dak li kienet qalet fil-jum ta' qabel. Hija ttenni li bejn is-18:30 u 18:45 marret tixtri mingħand Gusto fi Strada Rjali, l-Ħamrun tnejn Coca. Qasmet faċċata biex tmur id-dar u kella l-handbag f'idha x-xellugija. Iżżid hekk :

> Xi hadd waqaf bil-karrozza naf li niezel u hatafli l-basket. Irrezistejt mieghu jien u waqawli l-coca u waqajt jien mat-targa li hemm fuq il-bankina. Dan gara in-naha tal-bankina tal-lemin thares lejn Santa Venera. Qabad il-basket u tefawli l-affarijiet narahom mifruxin u gie dak ir-ragel jigri. Jiena bdejt nghajjat ghajjut u hareg ragel minn geraxx sabiex jghini. Il-karrozza bdejt narah qisu celest u biex telaq irrejzja il-karozza sew u telaq.

Dar-raġel qallha l-istess espressjoni "pattejtilek ta' ohti liba". Rat li kien wieħed qsajjar u daqsxejn imbaċċaċ. Lil Silvio kienet ratu xi tliet darbiet minħabba l-elezzjoni tal-Kunsill Lokali. Ma kienetx tiftakar x'kien liebes.

L-imputata għażlet ukoll li tixhed quddiem din il-Qorti u rrepetiet l-istess storja. Did-darba żiedet li ma kienetx għarfet lil Silvio Vella mill-ewwel, iżda indunat li kien hu meta qallha l-espressjoni dwar li pattihielha ta' oħtu. Inoltre, l-kulur tal-karozza, fejn fl-istqarrijiet a tempo verġine kienet attribwitilhom kulur l-ewwel blu, imbagħad ċelesti, issa kienet ħadet ukoll sfumatura fil-griż.

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi l-ewwel imputazzjoni tirrifletti r-reat ta' ħolqien ta' provi foloz skont l-Artikolu 110(2) tal-Kodiċi Kriminali. Skont il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza "**Il-Pulizija vs Marco Risiott**" deċiża nhar it-2 ta' Marzu 2011 per Imħallef David Scicluna, dan ir-reat għandu erba' elementi prinċipali :

> Francesco Antolisei[2] jelenka erba' elementi biex jissussisti r-reat in kwistjoni:
>
> (1) *"La simulazione deve avere per oggetto un reato vero e proprio (delitto o contravenzione)."* Kieku l-kaz kien verament jinvolvi anthrax, kien ikun hemm ksur tal- provvedimenti tal-Kap. 36 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> (2) *"Il reato non deve essere avvenuto: deve, in altri termini, trattarsi di un reato immaginario."* F'dan il-kaz ma kienx hemm ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 36 peress illi l-envelope kien jikkontjeni biss gir.
>
> (3) *"La denuncia, diretta o indiretta, deve essere tale da poter determinare l'inizio di un procedimento penale.... Si tenga ben presente in proposito che non e` necessario che il procedimento penale abbia avuto inizio: la legge richiede soltanto la possibilita` di tale procedimento."* Il-ligi taghna wkoll tghid li t-tracci jridu jkunu **"b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir- reat kien sar"** (sottolinear ta' din il-Qorti). Jigifieri lanqas

[2] Manuale di Diritto Privato Parte Speciale II pp. 765 -766 (quinta edizione,

1966).

ma huwa necessarju li tali proceduri jinbdew. L-awtur Antolisei jirreferi ghal gurisprudenza tal-Qorti tal- Kassazjoni fis-sens li *"la Cassazione ha affermato in piu` occasioni essere sufficiente che la falsa notizia determini investigazioni o altri accertamenti preliminari da parte, anche soltanto, della polizia giudiziaria. Ed anzi ha asserito che basta all'integrazione dell'illecito la semplice possibilita` di investigazioni preliminari (Cass. 26 novembre 1963, in Mass. Pen. 1964, m. 699). Ha pure ritenuto che non occorre che la denunzia sia formalmente valida, bastando una qualsiasi narrazione, purche` fatta in modo da rendere non del tutto inverosimile il reato. Vedasi, ad es., Cass. 21 febbraio 1962, in Giust. Pen. 1962, II, 609, 572; Id. 28 febbraio 1958, ivi 958, II, 461; Id. 6 luglio 1957, ivi 1958, II, 61; Id. 16 ottobre 1951, ivi 1952, II, 494."* Fil-kaz in ezami saret inkjesta magisterjali mnejn gie determinat li t-trab fl-envelope kien biss gir.

(4) *"L'ultima condizione e` negativa. Non deve trattarsi di incolpazione personale, vale a dire, il fatto non deve essere attribuito a un determinato individuo, perche` altrimenti si avrebbe il delitto piu` grave di calunnia."* Dan l-element huwa sodisfatt ukoll peress illi l-appellant ma nkolpa lil hadd partikolari.

F'dan il-każ, il-Qorti tqis li mill-provi prodotti quddiemha, ġew pruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni l-ewwel tliet elementi ta' dan ir-reat. Biss ġaladarba l-imputata għażlet li ssemmi lil Silvio Vella b'ismu u b'kunjomu, jwassal biex l-aħħar element ma jistax jitqies li ġie soddisfatt. Il-Prosekuzzjoni għalhekk kellha, una volta l-imputata stqarret bl-aktar mod ċar u għal aktar minn darba l-isem speċifiku tal-persuna li skontha kien dak li serqilha l-handbag u l-wallet minn ġo fih takkuża lill-imputata bir-reat ta' kalunnja. Iżda dan ma għamlitux, bil-konsegwenzi li jiskaturixxu minn tali deċiżjoni.

***Ikkunsidrat : -***

Illi t-tieni reat li bih ġiet mixlija l-imputata huwa dak ta' ħolqien qarrieqi ta' provi foloz skont l-Artikolu 110(1) tal-Kodiċi Kriminali. Dan ukoll huwa reat li ġie introdott minn Jameson sabiex il-lista tar-reati kontra l-amministrazzjoni tal-Ġustizzja tkun kompluta. Il-ħsieb ewlieni wara dan ir-reat huwa li jiġi penalizzat l-aġir ta' min volontarjament jiżvijja l-kors tal-Ġustizzja billi s-suġġett attiv joħloq jew b'xi mod ieħor juri l-eżistenza ta' ċirkostanzi li jnislu f'moħħ l-investigaturi l-eżistenza ta' reat bħala li jkun ġie kommess minn suġġett passiv meta fil-fatt l-istess suġġett passiv ikun kompletament estraneju għall-kommissjoni ta' dan ir-reat. Ergo l-azzjoni tas-suġġett attiv tkun ta' detriment serju għall-persuna inkolpata. Eżempji jistgħu jingħataw bosta, bħal li s-suġġett attiv iqiegħed drogi illegali fuq ħwejjeġ persuna oħra jew iqiegħed sejf imċappas bid-demm ta' vitma t'aggressjoni vjolenti fir-residenza ta' persuna estraneja għad-delitt.

Biex dan ir-reat jiġi integrat jista' jkun hemm mhux biss il-ħolqien qarrieqi ta' fatt ġuridiku, iżda wkoll ħolqien qarrieqi ta' ċirkustanzi jew serje ta' eventi magħmula f'sekwenza jew ordni partikolari li jwaslu lill-investigatur sabiex jitnissillu r-rieda li jinvestiga u jieħu l-azzjoni penali kontra s-suġġett passiv. Din hija forma oħra tar-reat tal-kalunja, magħrufa fil-ġurisprudenza bħala kalunja reali jew indiretta. Fil-kawża "**Il-Pulizija vs David Mizzi**", deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali

nhar is-16 ta' Frar 1998, il-Prim'Imħallef Emeritu Vincent de Gaetano kien stqarr li :

> Ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 110 (1) tal-Kodici Kriminali hu dak tal-kalunja reali jew indiritta, u jiddistingwi ruhu mill-kalunja verbali jew diretta kkontemplat fl-artikolu 101 billi jirrikjedi li l-agent ikun b'qerq, materjalment holoq, jew materjalment gieghel li jidher li hemm fatt jew cirkostanza bl-iskop li dan il-fatt jew cirkostanza cirkostanza tkun tista' tingieb bhala prova kontra persuna ohra. Kemm fil-kalunja diretta kif ukoll f'dik indiretta, l-element formali tar-reat jikkonsisti filli wiehed ikollu l-hsieb li jaghmel hsara lil persuna ohra billi jaghmel mill-gustizzja strument ta' ingustizzja kontra dik il-persuna l-ohra. Fi kliem iehor, ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(1) mhux bizzejjed is-semplici kliem, gew migjuba bil-fomm jew bil-miktub, li permezz taghhom wiehed dolozament jakkuza persuna quddiem awtorita' kompetenti b'fatti ammontati ghal reat meta jkun jaf li dik il-persuna hi innocenti, izda hu mehtieg li jinholqu tracci jew indizzji materjali bil-hsieb li dawn ikunu jistghu jintuzaw kontra dik il-persuna.

L-element formali f'dan ir-reat jikkonsisti fl-intenzjoni tas-suġġett attiv li jkun qed toħloq b'mod qarrieqi l-provi foloz li b'mod inġust, jinbdew proceduri penali jew li jkun hemm sejbien ta' ħtija fir-rigward tas-suġġett passiv li jkun persuna totalment innocenti u estraneja fir-rigward tar-reati kriminali li jkunu falsament ġew magħmula jidhru f'għajnejn l-aġenti tal-Ġustizzja li seħħew bħala konsewgenza ta' dawk iċ-ċirkostanzi u fatti falsament maħluqa mis-suġġett attiv, liema fatti u ċirkostanzi jkunu maħluqa b'mod qarrieqi biex jifformaw parti mill-evidenza li twassal lill-aġenti tal-Ġustizzja li jibdew jinvestigaw jekk mhux ukoll jipproċedu penalment in bażi tagħhom kontra s-suġġett passiv innoċenti.

Fil-każ ta' ħolqien qarrieqi ta' provi foloz huwa meħtieġ li l-istess fatti u ċirkostanzi mhux biss jiġu denunzjati iżda għalhekk iridu jiġu f'kuntatt u fl-għarfien dirett ta' dawk l-aġenti tal-Ġustizzja b'tali mod li dawn ikunu jistgħu jintebħu bihom, jarawhom jew jiskopruhom huma wkoll il fuq minn kull denunzja li setgħet tkun saret. Mill-banda l-oħra mhux meħtieġ li s-suġġett passiv ikun ġie mixli jew misjub ħati ta' reati sabiex dan ir-reat jitqies integrat. Huwa meħtieġ li almenu l-istess fatti u ċirkostanzi jiġu misjuba jew mixkufa mill-aġenti tal-Ġustizzja.

Issa f'dan il-każ, il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni l-eżistenza ta' dan ir-reat. Forace mhux biss ikkwerelat lil Silvio Vella bħala l-awtur tar-reat ta' serq kwalifikat fuq il-persuna tagħha (li minnu innifsu setgħa kien jintegra wkoll ir-reat ta' kalunja diretta, li pero bih ma ġietx mixlija) talli marret oltre minn hekk. Forace għamlet qabża fil-kwalita' apparti li falsament ikkwerelat lil Silvio Vella, hija ħolqot **ukoll** sensiela ta' fatti u ċirkostanzi li fid-dehra tagħhom kienu jistgħu jassekondaw il-kwerela tagħha. Ħolqot għalhekk traċċi, fatti u ċirkostanzi li normalment huma assoċjati ma sitwazzjoni fejn persuna inermi tkun sfat vittma ta' reat ta' serq kwalifikat tat-tip "snatch and grab", fejn hi bħala vitma, tipikament femminili u avvanzata fiż-żmien, u tkun qed iġġorr xi basket jew handbag f'idha f'xi triq jew post pubbliku, tiġi assalita minn persuna oħra, tipikament maskili, b'mod li bil-forza jinsirqilha l-basket li tkun qegħda ġġorr, u

wara xi forma ta' kollutazzjoni li jkollha mal-aggressur titħalla mitluqa mal-art imweġġgħa.

Fil-fatt dik kienet ix-xena tad-delitt li falsament ħolqot l-imputata. Din il-Qorti tqis li mill-provi prodotti ma ġiex pruvat, almenu sal-grad tal-probabbli li verament kien Vella li b'xi mod setgħa wettaq is-serqa hawn fuq imsemmija. Anzi l-provi juru lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li Vella ma kienx Santa Venera fil-ħin indikat mill-imputata (xi 18:45).

Inoltre, ix-xena li ra' Mario Farrugia u li rrakkonta fil-verżjoni tiegħu hija dik tipika ta' xena ta' delitt immedjatament wara li jkun seħħ serq "snatch and grab". Iżid li l-imputata kienet qisha qed tibki u kellha oġġetti personali tagħha mitluqa mal-art, fosthom il-handbag u oġġetti tan-nisa. Bil-fatti u ċ-ċirkostanzi maħluqa minnha, Forace pruvat issaħħah l-istorja tas-serq kwalifikat da parti ta' Silvio Vella billi intelqet bil-qegħda mal-art fuq bankina fi triq pubblika, b'saqajha imdendlin fit-triq, bl-oġġetti tagħha mitluqa fit-triq (fosthom handbag u oġġetti personali oħra) u bdiet tgħajjat għall-ajjut u li ġiet misruqa.

Apparti minn hekk, f'dik ix-xena li wkoll in parti rawha l-Uffiċjali tal-Pulizija li waslu fis fuq il-post, Forace kienet ukoll kategorika dwar min kien l-allegat ħalliel u aggressur – ċjoe' Silvio Vella. Anzi din il-messa in xena kompliet ukoll wara li l-Pulizija ħadulha l-kwerela tagħha talli

ħadet lill-Pulizija fil-post ta' fejn skontha kien joqgħod dan l-istess Silvio Vella.

Biss minkejja din l-allegata serqa, Forace naqset li tissostanzja l-evidenza dwar din l-allegata kollutazzjoni li ssemmi (stante l-karenza assoluta ta' xi grif jew xi ġrieħi jew sinjali kompatibbli ma kollutazzjoni fuq il-persuna tagħha); l-allegati rrejżjar ta' karozza – li minkejja kien hemm xi nies preżenti u residenti pero jidher li dawn il-ħsejjes ma semgħahom ħadd għajr ħliefha; l-allegat serq ta' wallet b'€500 fih - li minn imkien ma instab traċċa tiegħu jew ta' xi serqa wara li Silvio Vella ġie perkwiżizzjonat fuq persuntu u fi ħwejġu. Anke l-verżjoni tal-fatti li tat Forace fiż-żewġ stqarrijiet tagħha lill-Pulizija u viva voce quddiem din il-Qorti – għalkemm jaqblu fuq linja ġenerika, l-assolutiżmi dwar l-identita tal-aggressur li kkaratterizzaw il-verżjonijiet mogħtija fil-bidu, bdew bil-mod il-mod jirrelativizzaw lilhom infushom fil-verżjonijiet sussegwenti.

In definittiva, din il-Qorti tqis li l-każ tal-Prosekuzzjoni fir-rigward tar-reat ipotizzat fit-tieni imputazzjoni, ġie soddisfaċentement ippruvat sal-grad rikjest mill-Liġi.

Bl-azzjoni tagħha l-imputata setgħet titfa' lil Silvio Vella u lil familtu f'baħar ta' għawġ u nkwiet intortament u inġustament.

## *Deċide :*

li għar-raġunijiet premessi, filwaqt li ssib lil Rita Forace mhux ħatja tal-ewwel imputazzjoni u minnha tilliberaha minn ħtija u piena, ssiba ħatja tat-tieni imputazzjoni u wara li rat l-Artikolu 110(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali tikkundannaha għall-perjodu ta' sentejn priġunerija. Rat il-fedina penali tal-imputata u rat ukoll l-istqarrijiet tagħha u wara li rat ukoll l-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali tordna li din is-sentenza ma għandhiex tibda sseħħ għajr ħlief jekk matul il-perjodu ta' erba' snin millum il-ħatja tikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija.

Il-Qorti fehmet lil ħatja bi kliem ċar u li jinftiehem ir-responsabbilta' tagħha u l-konsegwenzi li jitnisslu skont l-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali fil-każ li hija tikkommetti reat ieħor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiża u dan ai termini tal-Artikoli 28A(4).

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 28G(1) tal-Kodiċi Kriminali qegħda b'żieda mal-piena aktar il-fuq inflitta tagħmel ordni ta' superviżjoni (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ordni ta' superviżjoni") li permezz tiegħu tqiegħed lill-ħatja taħt is-superviżjoni t'uffiċjal sorveljanti għal perijodu ta' sena millum.

Il-Qorti fissret lill-ħatja bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' superviżjoni kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'każ li tonqos milli tikkonforma ruħha ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li tagħmel reat ieħor matul il-perjodu operattiv tas-sentenza mogħtija lilha illum nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' superviżjoni bid-digrieti ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal Sorveljanti biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħatja.

L-Uffiċjal Sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħatja kull sitt (6) xhur.

Inoltre, wara rat ukoll li fiċ-ċirkostanzi tal-każ huwa indikat li l-imputata titqiegħed taħt ordni ta' trattament skont l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, stante li l-Qorti tqis li huwa meħtieġ li l-imputata tiġi mgħejjuna tegħleb diffikultajiet psikoloġiċi li tidher affetwata minnhom u li qed iwasluha wkoll biex tiddelinkwi. Għalhekk ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qegħda tpoġġi lill-ħatja taħt Ordni ta' trattament u dan wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' trattament għal perjodu ta' sena millum. Il-Qorti fehmet bi kliem ċar u li jinftiehem il-portata ta' din l-ordni u l-

konsegwenzi li l-ħatja jkollha taffaċċja fil-każ li hija tonqos milli twettaq din l-ordni skont kif ordnat lilha.

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali, sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Silvio Vella, Pauline Vella, Maria Theresa (Marthese) Debono u l-familjari tagħhom qegħda toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-ħatja skont id-digriet li qiegħed jiġi anness ma din is-sentenza u li tifforma parti integrali minnha u dan għal perjodu ta' tliet snin millum b'dan li l-ħatja hija projbita milli **b'kull mod** inkluż permezz tat-telefon jew b'xi mod ieħor tavviċina, ssegwi, timmolesta, jivvessa, idejjaq jew tiffastidja lil Silvio Vella, Pauline Vella, lil Maria Theresa (Marthese) Debono u l-familjari kollha tagħhom.

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 119 tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti qegħda minbarra l-piena inflitta, tissuġġetta lill-ħatja għall-piena ta' interdizzjoni ġenerali perpetwa.

***Mogħtija illum it-30 ta' Settembru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**(bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali)**

**ORDNI TA' SUPERVIŻJONI**

*(MAGĦMUL SKONT L-ARTIKOLU 28Ġ TAL-KODIĊI KRIMINALI)*

**Maġistrat:** ***Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)***

**30 ta' Settembru 2015**

**PULIZIJA**

**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**Rita Forace**

Il-Qorti,

Billi b'sentenza mogħtija llum fl-ismijiet premessi, **Rita Forace** li toqgħod 74, Triq Abel l-Ħamrun, detentriċi tal-karta tal-identita bin-

numri 52060(M) ġiet misjuba ħatja kif imfisser fl-istess sentenza u wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Superviżjoni l-ħatja ġiet mpoġġija taħt Ordni ta' Superviżjoni ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9).

Wara li fissret lill-ħatja bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' Supervizjoni (inklużi l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taħt skont s-subartikolu (3) tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta u nnutat li l-istess ħatja wriet li trid tħares il-ħtiġiet tal-istess Ordni;

**Tordna** li l-ħatja **Rita Forace** bint Emmanuel Mizzi u Antonia nee Attatrd, imwielda Pieta fil-31 ta' Diċembru 1959 u li toqgħod 74, Triq Abel l-Ħamrun, detentriċi tal-karta tal-identita bin-numri 52060(M), tkun għal perjodu ta' sena millum taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal ta' Supervizjoni taħt dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul dan il-perjodu, il-ħatja ġġib ruħha tajjeb, toqgħod għad-direttivi <u>kollha</u> tal-uffiċjal sorveljanti kif ukoll, jekk ikun il-każ, biex il-ħatja tieħu l-*counselling* li jista' jkun meħtieg minn żmien għal żmien sabiex tevita, fost affarijiet oħra li terġa tikkommetti reati fil-ġejjieni.

2. Li l-ħatja tibqa' f'kuntatt mal-uffiċjal sorveljanti skont dawk l-istruzzjonijiet li tista' minn żmien għal żmien tingħata mill-imsemmi uffijal, u li tavża lill-imsemmi uffiċjal b'kull tibdil fl-indirizz tagħha;

3. Li tirċievi viżiti mill-uffiċjal sorveljanti ġewwa r-residenza tagħha jew f'kull post ieħor li tiffrekwenta skont id-direttivi tal-istess uffiċjal sorveljanti;

4. L-uffiċjal sorveljanti għandu/ha jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti mhux anqas minn darba kull sitt xhur dwar l-imġieba tal-ħatja.

**TORDNA** li kopja ta' dan l-Ordni tingħata lil ħatja u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u lill-Uffiċjal Sorveljanti.

……………………………………

(firma tal-persuna mqegħda
taht superviżjoni)

……………………………………..

*Doris Serpina*

**D./Registratur**

***Il-Maġistrat***

***Aaron M. Bugeja.***

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

**ORDNIJIET TA' TRATTAMENT**

(MAGĦMUL SKONT L-ART. 412 D TAL-KAP.9 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)

**Maġistrat:** ***Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)***

**ILLUM 30 ta' Settembru 2015**

**PULIZIJA**

**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**Rita Forace**

Il-Qorti,

Billi b`sentenza mogħtija llum, fl-ismijiet fuq premessi, **Rita Forace** ġiet misjuba ħatja kif imfisser fl-istess sentenza u ġiet mpoġġija taħt Ordni ta'

trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Trattament;

Wara li fissret lill-ħatja bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' trattament u illi jekk tonqos li tħares jew li milli tikkonforma ruħha ma' xi rekwiżit jew kondizzjoni tal-ordni sakemm dan l-Ordni jkun fis-seħħ, l-Qorti tista' twaħħal ammenda ta' mhux iżjed minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

Wara li l-ħatja wriet li trid tħares il-kundizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Trattament;

Għalhekk, tordna li l-ħatja **Rita Forace** li toqgħod 74, Triq Abel l-Ħamrun, detentriċi tal-karta tal-identita bin-numri 52060(M) titpoġġa taħt ordni ta' trattament għal perjodu ta' sena taħt il-kundizzjonijiet hawn taħt imsemmija :

1. It-Trattament ser ikun sabiex il-ħatja tagħraf tegħleb diffikultajiet priskoloġiċi li tidher maħkuma minnhom u dan skont kif l-Sorveljanti hawn taħt maħtur jiddetermina fl-aħjar interess tal-ħatja, u dan sabiex il-ħatja tiġi analizzata u trattata għall-imġieba tagħha.

2. Li matul il-perjodu tal-Ordni ta' Trattament, l-ħatja għandha ġġib ruħha tajjeb, toqgħod għad-direttivi u ordnijiet kollha tal-Uffiċjal

Sorveljanti u tal-Esperti li lilhom tista tiġi riferuta minnu u żżomm dak il-kuntatt meħtieġ magħhom skont il-ħtieġa tal-każ u s-sitwazzjoni.

3. L-Uffiċjal Sorveljanti għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħatja kull sitt xhur.

**TORDNA** li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħatja u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

______________________________

**(firma tal-persuna mqiegħda taħt l-Ordni ta' Trattament)**

*Doris Serpina*

**Deputat Reġistratur**

***Aaron M. Bugeja***

**Maġistrat**

Ammissjonijiet/ohra

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## ORDNI TA' PROTEZZJONI

*(SKONT L-ARTIKOLU 412 Ċ TAL-KAP 9 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)*

**MAĠISTRAT** ***Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)***

**ILLUM 30 ta' Settembru 2015**

**PULIZIJA**

**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**Rita Forace**

Il-Qorti,

Wara li rat l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Tordna l-ħrug t`Ordni ta' Protezzjoni kontra **Rita Forace** bint Emmanuel Mizzi u Antonia nee Attatrd, imwielda Pieta fil-31 ta' Diċembru 1959 u li toqgħod 74, Triq Abel l-Ħamrun, detentriċi tal-karta tal-identita bin-

numri 52060(M), taħt il-kundizzjonijiet segwenti u ċioe` li ai termini tal-Artikolu 412Ċ(3) tal-Kodiċi Kriminali:

a) Tipprojbixxi l-ħatja milli **<u>b'kull mod</u>** inkluż permezz tat-telefon jew b'xi mod ieħor tavviċina, ssegwi, timmolesta, jivvessa, idejjaq jew tiffastidja lil Silvio Vella, Pauline Vella, lil Maria Theresa (Marthese) Debono u l-familjari kollha tagħhom;
b) Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ ghal perjodu ta' tliet snin millum;
c) Jekk mingħajr raġuni valida il-ħatja tikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqha tista' jekk tinstab ħatja teħel multa ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sitt (6) xhur jew it-tnejn flimkien.

***Il-Maġistrat*** ***Il-Ħatja***

***Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)***